- *egħmil doluż*
- *ingrattitudni*

**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta’ Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 180/2022 GM**

**Carmen Paris K.I. 663655M fil-vesti taghha ta' mandatarja speċjali tal-assenti Frank Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru M8275221) u Michael Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru PA2387144)**

**vs**

**Yvonne Aquilina K.I. 583578M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ Carmen Paris fil-vesti taghha ta' mandatarja speċjali tal-assenti Frank Aquilina u Michael Aquilina, li permezz tieghu wara li jippremetta illi :

1. Frank Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru M8275221) u Michael Aquilina (Passaport Awstrajlan bin-numru PA 2387144) huma wlied Manuel sive Leli Aquilina (K.I. 806837M) li ġie nieqes fit-18 ta’ Settembru 2021 skont iċ-ċertifikat tal-mewt immarkat bhala dok A;

2. Manuel sive Leli Aquilina kien jghix f'maisonette internament markat bin-numru tmienja (8) li jinsab f’ Taċ-Ċawla Court, Triq Ġużeppi Penza, Ħal Luqa.

3. Fl-4 ta' Jannar tal-2017, sar kuntratt ta' donazzjoni, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizz fejn Manuel sive Leli Aquilina (K.I. 806837M), ittrasferixxa l-imsemmija proprjeta’ immobbli b'titolu ta' donazzjoni lin-neputija tieghu Yvonne Aquilina (K.I 583578M) kif ukoll il-proprjeta' mobbli kollha li tinsab fl-istess proprjeta' immobbli;

4. Dan il-kuntratt ta' trasferiment sar bl-inteża li Manuel sive Leli Aquilina jibqa' jghix fil-proprjeta' sa ma jmut u fl-istess hin l-intimata kellha tibqa’ tiehu ħsiebu u ddur bih sa ma jmut.

5. Il-validita' ta' dan it-trasferiment kien ukoll soggett ghal numru ta' pattijiet u kundizzjonijiet kif indikat fl-imsemmi kuntratt (anness ma’ dan ir-rikors guramentat u mmarkat bħala dok. B).

6. Il-kunsens ta Manuel sive Leli Aquilina kien diga’ inghad sabiex jittrasferixxi l-proprjeta' immobbli u mobbli indikata hawn fuq kien sar bil-patt u l-kundizzjoni li Manuel sive Leli Aquilina, jibqa' jghix fl-istess proprjeta' immobbli sa ma jiġi nieqes, filwaqt li l-intimata tibqa' tieħu ħsiebu u ddur bih;

7. Il-konvenuta, ftit ta’ żmien wara li sar it-trasferiment b'donazzjoni, gieghlet lil Manuel sive Leli Aquilina jivvaka l-istess proprjeta' u jidhol fir-residenza San Vinċenz De Paule dan minkejja li Manuel sive Leli Aquilina kien ghadu fi stat ta' saħħa tajba u seta’ jkompli jabita fir-residenza tieghu. Dan nonostante, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża, il-protesti ta’ Manuel sive Leli Aquilina.

8. Il-konvenuta induċiet lil Manuel sive Leli Aquilina jersaq ghal kuntratt tal-4 ta' Jannar 2017 b'ghemil doluż u b'inganni maghmulin minnha cioe’ li kienet ser tibqa’ tiehu hsiebu gewwa l-imsemmija proprjeta' sa ma jmut;

9. Meta Manuel sive Leli Aquilina dahal fir-residenza San Vinċenz De Paule u ghal diversi drabi kien jghid lill-intimata sabiex tiehdu lura fil-proprjeta' tieghu madanakollu hija qatt mar-rispettat ix-xewqa tieghu anzi ħallietu maqful fl-istess residenza.

10. Manuel sive Leli Aquilina kien ghamel rapport lill-Pulizja, di sua sponte, illi l-intimata, kienet daħqet bih meta haditu jghix fir-residenza San Vincenz de Paule kontra 1-volonta' tieghu.

11. Id-defunt Manuel sive Leli Aquilina fisser il-lanjanzi tieghu permezz ta' Att gudizzjarju datat 30 ta' Marru 2021;

12. L-intimata pero' baqghet inadempjenti.

13. Carmen Paris K.I. 663655M taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant kellhom jitressqu l-proceduri odjerni.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn Manuel sive Leli Aquilina u l-intimata, fl-4 ta' Jannar tal-2017, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizzi, ghandu jiġi dikkjarat null (ai termini tat-Artikotu 981 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li l-kunsens ta' Manuel sive Leli Aquilina ġie meħud b'għemil doluż u inganni magħmulin mill-intimata, li kienu tali illi mingħajrhom is-Sur Aquilina ma kienx jikkuntratta.

2. Minghajr preġudizzju ghall-ewwel talba u fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma takkoljiex l-istess, tħassar il-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn Manuel sive Leli Aquilina u l-intimata, fl-4 ta' Jannar tal-2017, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizzi stante ingratitudni ai termini tal-Artikola 1787 tal-Kap. 16 tal-Liġiiiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Yvonne Aquilina li permezz taghha eċċepiet illi:

1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta, u dan ai termini tal-artikolu 1790(l) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1222(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi sabiex jipproponu din il-kawża odjerna, hekk kif l-atturi ma humiex parti mill-kuntratt impunjat u ghalhekk l-azzjoni rexissorja ma tmissx lilhom, u r-Rikors Guramentat huwa sajjem ghal kollox mil-prova dwar l-allegata rclazzjoni tal-atturi mad-defunt, jew dwar jekk dawn humiex il-werrieta tad-defunt Manuel sive Leli Aquilina fl-atturi;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dan kif ser jintwera fil-mori tal-kawża.

Fuq talba tal-Qorti, permezz ta' nota l-atturi ddikjaraw li fetħu din il-kawża fil-veste tagħhom ta' leġittimarji ta' Leli Aquilina.

Il-kawża tinstab differita għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u ċjoe` abbażi tal-Artikli 1222(1) (marbuta mal-ewwel talba) u 1790(1) (marbuta mat-tieni talba) tal-Kodiċi Ċivili.

L-ewwel talba hija marbuta mal-premessa numru 8, u ċjoe` li l-konvenuta induċiet lil Leli Aquilina jagħtiha l-fond *de quo* b'titlu ta' donazzjoni bl-intiża li tibqa' ddur bih ġewwa daru sakemm imut.

L-imsemmi **Art. 1222 (1)** jistipula li:

> "**Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba… għemil doluż… taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn".**

Il-kuntratt ta' donazzjoni sar fl-4 ta' Jannar 2017. B'danakollu, l-Art. **1223** (1) tal-istess Kodiċi jagħmilha ċara li "Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta'… għemil doluż… minn dakinhar li jinkixef id-difett."

Skont l-affidavit tal-konvenuta, mhux kontradett, id-donatur daħal fir-residenza tal-

anzjani fil-15 t'Awwissu 2020. Mela kien dakinhar li d-donanti seta' kien jaf li d-donatarja qarrqet bih (għalissa din tibqa' mera allegazzjoni) billi ma baqgħatx tieħu ħsiebu ġewwa daru. Il-kawża ġiet ippreżentata fit-2 ta' Marzu 2022. Għalhekk il-perjodu ta' sentejn ma laħaqx għadda.

Għalhekk għall-ewwel talba, ibbażata fuq il-qerq, m'hemmx l-ostaklu tal-preskrizzjoni.

It-tieni talba hija bbażata fuq l-**Art. 1790(1)** tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> **(1) It-talba għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma tistax issir ħlief sa żmien sena minn dakinhar tal-fatt li d-donatur iġib kontra d-donatarju, jew minn dakinhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt.**
>
> **(2) It-tħassir għar-raġuni hawn fuq imsemmija ma jistax jintalab mid-donatur kontra l-werrieta tad-donatarju, lanqas mill-werrieta tad-donatur kontra d-donatarju, ħlief meta, f'dan l-aħħar każ, l-azzjoni tkun inġiebet 'il quddiem mid-donatur innifsu, jew dan ikun miet fi żmien sena minn dakinhar li ġara l-fatt.**

Il-Qorti trid teżamina l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont it-talba kif magħmula fir-rikors ġuramentat.[1] Skont kif inhu kkonfezzjonat ir-Rikors Ġuramentat, l-ingratitudni tikkonsisti appuntu filli d-donatarja ma ħaditx ħsiebu ġewwa daru. Dan il-fatt (residenza fid-dar tal-anzjani) ġara f'data preċiża u ċjoe` l-15 t'Awwissu 2020. Id-donatur ma ġieb l-ebda azzjoni minħabba ingratitudni fi żmien sena minn din id-data. Huwa miet iktar minn sena wara u ċjoe` fit-18 ta' Settembru 2021. Għalhekk il-werrieta tiegħu ma jistgħux jiftħu kawża abbażi tal-premessa tal-ingratitudni. Wisq inqas jistgħu jagħmlu dan l-atturi, li mhumiex werrieta iżda sempliċi leġittimarji. Li jfisser li l-eċċezzjoni skont Art. 1790(1) preċitat hija valida.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha:

(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili.

[1] Emanuele Calleja v Anthony Portelli 29.11.1971 Qorti tal-Appell (mhux ippubblikata).

(2) Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 1790(1) tal-istess Kodiċi u għalhekk tiċħad it-tieni talba.

Spejjeż ta' din is-sentenza nofs bin-nofs bejn il-partijet.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu dwar l-ewwel talba.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA